# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 465/13/1 MH**

**Carmen Azzopardi**

**v.**

**Adrian Muscat u Sandra Calleja**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-konvenut Adrian Muscat minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Ottubru, 2023, li biha laqgħet it-talbiet tal-attriċi Carmen Azzopardi billi sabet li l-konvenut Adrian Muscat huwa debitur tal-istess attriċi fl-ammont ta' €28,604.22 u fid-dawl ta' dan ordnatlu jroddilha lura dak l-ammont, bl-

imgħax legali sakemm iħallasha. L-Ewwel Qorti ddeċidiet ukoll li kemm l-ispejjeż tal-kawża, kif ukoll dawk tal-mandat kawtelatorju li tressaq flimkien mal-kawża, għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-konvenuti Adrian Muscat u Sandra Calleja.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fil-15 ta' Mejju, 2013, l-attriċi Carmen Azzopardi fissret li f'xi żmien lejn l-aħħar ta' Ottubru, 2012, hija kienet irċeviet telefonata mingħand uffiċjal tal-Banif Bank (Malta) plc li staqsiha dwar jekk kinitx ħarġet xi ċekk datat 25 ta' Ottubru, 2012, fl-ammont ta' €10,000. Ir-raġuni wara din it-telefonata kienet li dak iċ-ċekk kien imtela ħażin.

3. L-attriċi qalet li dak iċ-ċekk ma kienx inħareġ minnha u wara li tat struzzjonijiet lill-bank sabiex ma jsarrfux, hija saret taf li l-persuna li mar jipprova jsarrfu kien il-konvenut Adrian Muscat.

4. Wara li seħħ dan, l-attriċi marret issib lill-konvenut Adrian Muscat, u tgħid li dan qalilha li dak iċ-ċekk kien ingħatalu mill-konvenuta l-oħra Sandra Calleja. Din Sandra Calleja kienet ħabiba tal-attriċi, u fil-fatt kienet Carmen Azzopardi stess li għenitha sabiex issib impjieg ma' ħabiba oħra tagħha bl-isem ta' Elnara Shorazova, li f'dak iż-żmien kienet

fil-proċess li tiġi tgħix hawn Malta.

5. L-attriċi ssoktat tgħid li għalkemm Muscat kien taha ċ-ċekk tal-għaxart elef lura, huwa però qagħad lura milli jfissrilha għalfejn dak iċ-ċekk kien inħareġ f'ismu.

6. F'dan l-isfond, l-attriċi Carmen Azzopardi tistqarr li hija kienet għamlet xi tiftix fil-kotba taċ-ċekkijiet tagħha, u hemmhekk sabet li kellha żewġ ċekkijiet oħra li għosfru. Dawn kienu: (i) ċekk tal-Bank HSBC numru 1102 maħruġ fis-26 ta' Ġunju, 2012 fis-somma ta' €5,000; u (ii) ċekk ieħor datat 5 ta' Settembru, 2012, li din id-darba kien maħruġ mill-Mediterranean Bank plc, bin-numru 6303 u fl-ammont ta' €23,608.22.

7. Minn verifiki li għamlet, l-attriċi sabet li dawn iċ-ċekkijiet kienu wkoll issarrfu mill-konvenut Adrian Muscat, u filwaqt li tisħaq li hija qatt ma kellha xi negozju miegħu, tgħid li Muscat kien għen lil Sandra Calleja fit-trasferiment u l-ħruġ ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni Maltin tal-karozzi ta' Shorazova.

8. L-attriċi żżid li hija taf ukoll li ċ-ċekk tat-€23,608.22 itteħdilha mill-basket tagħha f'jum partikolari li fih hija kienet waslet lil Sandra Calleja fl-istabbiliment tal-karozzi tal-konvenut Adrian Muscat f'Ħaż-Żebbuġ. Tgħid ukoll, li sa fejn taf hi, iċ-ċekk ta' €5,000 ittieħed minn ktieb taċ-ċekkijiet li

żżomm ġewwa d-dar tagħha u tfisser li Calleja kienet ukoll iżżurha ġewwa darha.

9. L-attriċi għalqet billi stqarret li hija anke rrappurtat lill-konvenuti dwar is-serq ta' dawn iċ-ċekkijiet lill-Kummissarju tal-Pulizija, u billi kien kollu ta' xejn li talbithom iroddulha lura l-ammont sħiħ ta' €28,604.22, li jirrappreżenta l-valur taċ-ċekkijiet ta' €23,608.22 u €5,000 rispettivament, l-attriċi fetħet din il-kawża li biha talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf, sitt mija u erba' ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€28,604.22), oltre spejjeż legali u mgħax sad-data tal-pagament effettiv;*
>
> *2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għar-rifużjoni tal-ammont, b'dan illi jħallsu s-somma ta' tmienja u għoxrin elf, sitt mija u erba' ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€28,604.22), jew kull ammont ieħor iddikjarat dovut lir-rikorrenti, oltre l-imgħax skont il-Liġi.*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ippreżentat kontestwalment ma' dawn il-proċeduri u l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa inġunti in subizzjoni.»*

10. Bi tweġiba maħlufa mressqa fil-11 ta' Ġunju, 2013, il-konvenut Adrian Muscat wieġeb għal din il-kawża billi ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi fl-ewwel lok l-insostenibbiltà tar-rikors stante li huwa kkampat fuq premessi inveritieri;*
>
> *2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont pretiż inkwantu dirett lejn l-esponenti ntuża minnu fuq inkarigu tar-rikorrenti stess sabiex jiġu reġistrati żewġ vetturi proprjetà tar-rikorrenti, hawn Malta, ossia Audi A8 LHD u Range Rover Vogue Petrol LHD u tħallsu spejjeż anċillari sabiex dan isir;*
>
> *3. Illi għalhekk it-talbiet attriċi inkwantu diretti lejn l-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.»*

11. Bi tweġiba maħlufa oħra mressqa fit-8 ta' Lulju, 2013, il-konvenuta Sandra Calleja laqgħet ukoll għat-talbiet ta' Carmen Azzopardi billi qajmet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda billi:*

*(a) Illi hija ma rċeviet ebda ammont ta' flus, żgħir jew kbir mingħand ir-rikorrenti u għalhekk ma tistax tirrifondi flus li qatt ma rċeviet;*

*(b) Illi hija qatt ma ħadet iċ-ċekk Nru. 6303 miġbud fuq il-Mediterranean Bank, kif allegat fi premessa Nru. 11 tar-rikors ġuramentat promotur u wisq inqas iffalsifikat il-firma tar-rikorrenti Carmen Azzopardi f'dan iċ-ċekk; u*

*(c) Hija ma hijiex debitriċi ta' ebda ammont versu r-rikorrenti Azzopardi.»*

12. Lejn l-aħħar tal-kawża, sewwasew fis-seduta miżmuma fit-13 ta' Marzu, 2023, l-avukati tal-konvenuti osservaw li l-affidavit ta' Elnara Shorazova ma ġiex maħluf kif mitlub mil-liġi u billi għalihom dak l-affidavit ma setax jiswa bħala prova, huma talbu lill-Ewwel Qorti sabiex tisfilzah.

13. B'digriet mogħti waqt l-istess seduta (f'paġna 286 tal-atti tal-kawża) l-Ewwel Qorti laqgħet dik it-talba u ordnat l-isfilz tal-affidavit imsemmi.

14. Imbagħad, b'sentenza mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 2023, l-Ewwel Qorti qatgħet din il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u sabet li l-konvenut Adrian Muscat huwa midjun mal-attriċi Carmen Azzopardi fl-ammont ta' €28,604.22. Fid-dawl ta' dan, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-konvenut Adrian Muscat sabiex irodd lura lill-attriċi

Carmen Azzopardi dak l-ammont, flimkien mal-imgħax legali sakemm iwettaq dak il-ħlas. L-Ewwel Qorti ddeċidiet ukoll li kemm l-ispejjeż tal-kawża, kif ukoll dawk tal-mandat kawtelatorju li tressaq flimkien mal-kawża, għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-konvenuti Adrian Muscat u Sandra Calleja.

15. L-Ewwel Qorti wasslet għal din il-konklużjoni fuq is-saħħa ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *«Illi permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma debituri tagħha fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf sitt mija u erba' ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€28,604.22) u sabiex jiġu kkundannati jirrifondu dan l-ammont.*
>
> *L-intimati, it-tnejn jeċċepixxu li m'hemm xejn li għandu jiġi rifuż lir-rikorrenti.*
>
> *Huwa ċar f'din il-kawża illi hawn żewġ, anzi tliet verżjonijiet kunfliġġenti tal-fatti u għalhekk din il-Qorti għandha tara liema waħda minn dawn il-verżjonijiet hija l-iktar waħda kredibbli skont il-provi li saru fit-trattazzjoni tal-kawża. Kif inhuwa risaput meta jiġri hekk il-Qorti għandha tiddeċiedi fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet u fil-każ li mhijiex konvinta minn l-ebda verżjoni li ngħatat jiġi applikat il-prinċipju «actore non probante reus absolvitur».*
>
> *...*
>
> *Ikkunsidrat:*
>
> ***F.i**. Illi f'din il-kawża, ir-rikorrenti tispjega illi hi kienet ħabiba ma' ċerta Eleonora Shorazova u li kienet iżżommilha żewġ vetturi fil-garage tagħha, waħda Audi u l-oħra Range Rover, sakemm dawn jiġu reġistrati. Illi kienet taf lill-intimata Sandra Calleja u li meta saret taf li Calleja kellha bżonn xogħol kienet staqsiet lil Shorazova li qaltilha li kellha bżonn lil xi ħadd sabiex jagħmel il-qadi tagħha. Illi għalhekk Calleja ġiet impjegata ma' Shorazova sabiex tagħmlilha l-qadi li jkun hemm bżonn.*
>
> *Jidher illi meta waslet sabiex issir ir-reġistrazzjoni tal-vettura Range Rover, Shorazova kienet talbet lir-rikorrenti sabiex tislifha tlieta u għoxrin elf ewro (€23,000) in kontanti u sabiex tgħaddihom lil Calleja biex tkun tista' tieħu ħsieb ir-reġistrazzjoni. Jirriżulta li fil-fatt kien l-intimat Adrian Muscat li ħa ħsieb ir-reġistrazzjoni u li kien qal li din għandha ssir permezz*

*ta' flus kontanti. Allura skont il-verżjoni tar-rikorrenti kienet marret il-Bank fit-22 ta' Awwissu 2012, kienet ġibdet dawn il-flus u kienet għaddiethom lil Calleja fil-karozza, fil-preżenza ta' Emanuel Galdes.*

*Imbagħad ir-rikorrenti kienet waslet lil Calleja fix-showroom tal-intimat Muscat u din kienet marret biex tgħaddilu l-flus. Jirriżulta wkoll li fit-28 ta' Awwissu 2012, Shorazova kienet ħallset lura lir-rikorrenti permezz ta' cheque.*

*Iżda waqt li kien qed jiġri dan kollu, r-rikorrenti tallega li Calleja kienet ħaditilha c-cheque book mill-basket u li kienu nħarġu żewġ cheques oħra favur l-intimat l-ieħor Muscat. Ir-rikorrenti tixhed li kienet prassi għaliha li tiffirma cheques vojta u li mbagħad timlihom skont il-bżonn. Jirriżulta minn fotokopji tac-cheques li fil-fatt inħarġu żewġ cheques favur Muscat, wieħed datat 26 ta' Ġunju 2012 għall-ammont ta' ħamest elef ewro (€5,000), li ssarraf fl-istess ġurnata u ieħor datat 5 ta' Settembru 2012, għall-ammont ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u erba' ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€23,604.22) li wkoll issarraf fil-25 ta' Settembru 2012.*

*Ir-rikorrenti ssostni li hija qatt ma mliet dawn iċ-cheques favur l-intimat Muscat, u għalhekk qiegħda titlob li tiġi rifuża l-ammont ta' tmienja u għoxrin elf sitt mija u erba' ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€28,604.22).*

***ii**. Min-naħa tagħha l-intimata Sandra Calleja tgħid li hija ħadmet għal Shorazova għal madwar sitt xhur biss u li għalhekk ma kellha xejn x'taqsam mar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Tgħid ukoll li hi ma kinitx taf lill-intimat l-ieħor Adrian Muscat u li saret taf bih meta kellha ssir ir-reġistrazzjoni, minħabba l-fatt li r-raġel tagħha qalilha li Muscat kien jieħu ħsieb dawn l-affarijiet. Hija tiċħad li r-rikorrenti qatt għadditilha flus kontanti u tiċħad li kellha x'taqsam mar-reġistrazzjoni tal-vetturi.*

***iii**. Min-naħa tiegħu l-intimat Muscat jgħid illi huwa ħa ħsieb tar-reġistrazzjoni tal-vetturi u li kienet ir-rikorrenti li kienet qabbditu u li cheques li kienu f'ismu għal total ta' tmienja u għoxrin elf sitt mija u erba' ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€28,604.22), kienu bħala ħlas għar-reġistrazzjoni tal-vetturi.*

***G**. L-ewwelnett bħala kronoloġija tal-fatti –*

*1. Il-vettura Audi ġiet reġistrata fil-15 ta' Lulju 2011, kif jidher minn Dok SC2. Ix-xhud Shorazova tgħid li r-rikorrenti ma kinitx involuta f'din ir-reġistrazzjoni u li kienet ħadet ħsiebha l-intimata Sandra Calleja. Shorazova tixhed li kienet għaddiet lil Calleja sebat elef ewro (€7,000) f'kontanti u li kienet ħadet ħsieb din ir-reġistrazzjoni.*

*Dan kollu huwa fil-fatt ikkonfermat mid-dokumenti uffiċjali li ġew ipprezentati u li minn hemm jirriżulta li l-Audi ġiet reġistrata fil-15 ta' Lulju 2011 u li l-ammont komplessiv li tħallas kien tmint elef tliet mija tmienja u għoxrin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€8,328.18).*

*2. Fis-26 ta' Ġunju 2012, l-intimat Muscat sarraf cheque tar-rikorrenti għal ammont ta' ħamest elef ewro (€5,000).*

*Hawn hawn l-ewwel inkongruwenza.* ***Din il-Qorti ma tistax tifhem kif Muscat ġie fil-pussess ta' dan iċ-cheque u għaliex.*** *Li hu żgur ma ingħatax lilu mir-rikorrenti.*

*3. Fit-22 ta' Awwissu 2012, ir-rikorrenti marret il-Bank u żbankat tlieta u għoxrin elf ewro (€23,000). Dan fil-fatt jirriżulta minn irċevuta tal-Bank li ġiet eżebita. Dawn il-flus għaddithom lil Calleja, nonostante li din tinnega dan.*

*4 Fit-23 ta' Awwissu 2012, il-vettura Range Rover ġiet reġistrata, kif jidher mid-dokument uffiċjali Dok SC4 (fol. 198) u l-ammont komplessiv li tħallas kien tnax-il elf seba' mija sebgħa u għoxrin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€12,727.84);*

*5 Fit-28 ta' Awwissu 2012, Shorazova ħallset lura lir-rikorrenti permezz ta' cheque għall-ammont ta' tlieta u għoxrin elf ewro (€23,000);*

***6 Fil-5 ta' Settembru 2012, l-intimat Muscat sarraf cheque ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u erba' ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu*** *(€23,604.22);*

*7 Fis-27 ta' Ottubru 2012, ir-rikorrenti rċeviet telefonata mill-Bank dwar cheque ieħor li Muscat kien qed jipprova jsarraf u li għalkemm kien miktub bil-kliem «għaxart elef» in-numri kienu qed juru għaxar miljuni. Dan ma kienx ġie żbankat u meta r-rikorrenti marret għand Muscat, hu kien irritorna dan ic-cheque bla għajjat. Mhux l-istess meta talbitu r-ritorn tal-flejjes l-oħra ġa msarrfa b'cheque.*

***H. i****. Din il-Qorti ndunat b'numru ta' fatti mhux veritieri, inkonsistenzi u inkongruwenzi fix-xhieda. Fir-rigward ta' Sandra Calleja jirriżulta li hi tixhed li kienet marret mar-rikorrenti għand it-tabib fil-bidu ta' Settembru 2012, u li kien issuġġerielha li tagħmel blood test ukoll u li dan kien sar fis-6 ta' Settembru 2012. Meta mbagħad ssir referenza għal dan il-blood test a fol 112, jirriżulta li dan sar fit-22 ta' Lulju 2012, u mhux f'Settembru. Minbarra dan jirriżulta wkoll li għalkemm huwa minnu li l-meter tad-dawl fir-residenza ta' Calleja kien inbidel fit-22 ta' Awwissu 2012, jirriżulta wkoll mid-dokument esibit a fol 226, li x-xogħol għal dan dam mid-9.30am sad-9.37am. Għalhekk għalkemm l-intimata Calleja ssostni li dak li qalet ir-rikorrenti li ġara fit-22 ta' Awwissu 2012, fejn kienet għadditilha l-flus, ma setax jiġri għaliex kienet id-dar tistenna lill-ħaddiema tal-Enemalta – dan mhux kompletament korrett għaliex l-intimata Calleja kienet libera li titlaq minn darha mill-10 ta' filgħodu 'l quddiem.*

***ii****. Il-kredibbilità tal-verżjoni tal-intimata Calleja hija attakkata wkoll meta Calleja fis-sottomissjonijiet tagħha tgħid li ma kellha xejn x'taqsam mal-ebda reġistrazzjoni, meta x-xhud Shorazova tgħid li kienet proprju Calleja li ħadet ħsieb kemm ir-reġistrazzjoni tal-Audi u kemm ir-reġistrazzjoni tar-*

*Range Rover.*

*iii. Iżda l-akbar prova rilevanti f'dawn il-proċeduri huma d-dokumenti li jirrigwardaw ir-reġistrazzjoni tal-vetturi. Minn dokumenti li mhumiex oriġinali (Dok CA 11 u Dok CA 12) imma huma fotokopji, jirriżulta li l-Audi ġiet reġistrata fil-15 ta' Lulju 2011, riċevuta numru 28615, u total għal tali reġistrazzjoni kien fl-ammont ta' tlettax-il elf u ħames mitt ewro (€13,500) u r-Range Rover ġiet reġistrata fit-28 ta' Awwissu 2012, riċevuta numru 16286, u t-total għal tali reġistrazzjoni kien ta' disgħa u għoxrin elf disa' mija u ħamsa u sittin ewro (€29,965).*

*iv. Però, meta l-Qorti rreferiet għad-dokumenti uffiċjali tad-Dipartiment tal-Liċenżjar li huma eżibiti bħala Dok SC 1 u Dok SC 2 jirriżulta li l-Audi vera ġiet reġistrata fil-15 ta' Lulju 2011, riċevuta numru 28615, iżda t-total għal tali reġistrazzjoni kien ta' tmint elef tliet mija tmienja u għoxrin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€8,328.18) u mhux tlettax-il elf u ħames mitt ewro (€13,500). Min-naħa l-oħra r-Range Rover fil-verità ġiet reġistrata fit-23 ta' Awwissu 2012, u mhux fit-28 ta' Awwissu, ir-riċevuta numru huwa 16474 u mhux 16286 u t-total għal tali reġistrazzjoni kien jammonta għal tnax-il elf seba' mija sebgħa u għoxrin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€12,727.84) u mhux disgħa u għoxrin elf disa' mija u ħamsa u sittin ewro (€29,965).*

*Illi għalhekk jirriżulta li hemm diskrepanza kbira bejn l-ammonti li ġew mħallsa fuq ir-reġistrazzjoni tal-vetturi – hemm diskrepanza ta' ħamest elef mija wieħed u sebgħin ewro u tnejn u tmenin ċenteżimi (€5,171.82) fuq l-Audi u ta' sbatax-il elf u sebgħa u tletin ewro u sittax-il ċenteżimu (€17,037.16) fuq ir-Range Rover.*

*Dan kollu huwa fil-fatt ikkonfermat mid-dokumenti uffiċjali li ġew pprezentati u li minn hemm jirriżulta li l-Audi ġiet reġistrata fil-15 ta' Lulju 2011 u li l-ammont komplessiv li tħallas kien tmint elef tliet mija tmienja u għoxrin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€8,328.18).*

*2. Fis-26 ta' Ġunju 2012, l-intimat Muscat sarraf cheque tar-rikorrenti għal ammont ta' ħamest elef ewro (€5,000).*

***v**. Din il-Qorti tinnota wkoll li kuntrarjament għal dak li jissottometti l-intimat Muscat fin-nota tiegħu, jgħid li rċieva żewġ cheques għar-reġistrazzjoni ta' żewġ vetturi meta fil-fatt ħa ħsieb biss ir-reġistrazzjoni tar-Range Rover għaliex tal-Audi kienet saret is-sena ta' qabel. Jinsisti li l-verżjoni tiegħu hija korroborata mid-dokumenti uffiċjali, fatt dan li żgur mhuwiex hekk għaliex li kieku huwa veru, għar-reġistrazzjoni tal-vettura Range Rover, inkluż il-profitt li seta' jieħu, is-somma kienet tammonta għal madwar sbatax-il elf ewro (€17,000).*

***vi**. Illi wara dan kollu li ġie premess, din il-Qorti hija aktar propensa li temmen l-verżjoni tar-rikorrenti. L-unika spjegazzjoni li ngħatat għaliex ir-rikorrenti ħallset l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf ewro (€23,000) għar-reġistrazzjoni hija għaliex l-intimata Calleja qaltilha li dak kien se jkun l-*

*ammont neċessarju. Fil-fatt ir-rikorrenti għadditilha tlieta u għoxrin elf ewro (€23,000) fi flus kontanti u Shorazova ħallsitha lura dan l-ammont permezz ta' cheque. U hawn kellha tieqaf il-kwistjoni kollha.*

***vii**. Din il-Qorti temmen kemm lix-xhud Emanuel Glades kemm lil Elena Shorazova, u b'hekk tista' tasal għall-konklużjoni li dak li qalet ir-rikorrenti huwa iktar kredibbli. Fl-ewwel lok, l-intimata Calleja kienet qed taħdem diġà għal Shorazova fis-sena 2011 u għalhekk huwa probabbli li meta kellha tieħu ħsieb ir-reġistrazzjoni tal-Audi li saret proprju dik is-sena, hija talbet l-għajnuna ta' Adrian Muscat. Dan huwa ż-żmien meta l-intimata saret taf lil Muscat u mhux kif tiddikjara hi li saret tafu biss fis-sena 2012. B'hekk l-intimati kienu jafu lil xulxin u mhux kif ippruvat tallega l-intimata Calleja li ma kinitx taf lil Muscat. Minbarra dan l-intimat Muscat jixhed li kienet Calleja li laqqgħetu mar-rikorrenti u li kien diġà jaf lil Calleja għaliex kien għamilha reġistrazzjoni oħra, li kienet tal-vettura Audi. Fit-tieni lok Emanuel Galdes huwa parti li kien estranju għal kwistjoni kollha u għalhekk ma kien hemm l-ebda benefiċċju għalih li ma jixhidx il-verità u ċjoè li ra flus għaddejjin mir-rikorrenti għall-intimata Calleja. Għalhekk din il-Qorti temmen il-verżjoni tar-rikorrenti li kienet għaddiet it-tlieta u għoxrin elf ewro (€23,000) fi flus kontanti lill-intimata Calleja fil-karozza.*

*Din il-Qorti nnutat ukoll li fix-xhieda tiegħu mhux l-ewwel darba li Muscat fil-fatt jirreferi għall-intimata Sandra Calleja u wara jgħid li ried isemmi lir-rikorrenti u mhux lil Calleja. Iżda a fol 143 jgħid – «Le ghax jien qabel ma mort nagħmel l-insurance, jien lili tatni s-somma kollha u darba minnhom ħrigt il-flus jiena u tagħthomli wara Sandra, tista' tgħidlek hi wkoll.» Jiġifieri ġie kkonfermat li Calleja għadditlu l-flus stess li kienet tatha r-rikorrenti.*

***viii.** Fil-fatt ma kien hemm u ma nġabet assolutament l-ebda raġuni għaliex ir-rikorrenti kellha toħroġ żewġ cheques oħra fuq l-intimat Muscat. Lanqas ma huwa spjegat għaliex iċ-cheque tal-ħamest elef ewro (€5,000) inkiteb fis-26 ta' Ġunju 2012, u ġie żbankat fis-27 ta' Ġunju 2012. Dak iż-żmien ma saret l-ebda reġistrazzjoni ta' vettura u għalhekk bilfors ikollha tistaqsi din il-Qorti, għalxiex kien sar dan il-ħlas? Ukoll dwar iċ-cheque ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u erba' ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€23,604.22), ir-rikorrenti tgħid li dan kien cheque f'isimha, li jirriżulta, u li kien ammont dovut lilha frott ta' investimenti li kienet għamlet. Terġa' u tgħid dan ġie msarraf fil-25 ta' Settembru 2012, meta r-reġistrazzjoni tal-vettura kienet saret xahar qabel, u dan l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf ewro (€23,000) kien diġà għadda lill-intimat Muscat. Jiġifieri l-intimat kien diġà tħallas għar-reġistrazzjoni tal-vettura Range Rover u **ma kien hemm l-ebda ammont ieħor li kien dovut lilu**. Minbarra dan jirriżulta mill-provi illi f'Settembru 2012, Calleja kienet talbet lir-rikorrenti biex tagħtiha lift sas-showroom tal-intimat Muscat. Għalhekk dan huwa l-uniku mod kif Muscat seta' jiġi fil-pussess ta' dan iċ-cheque li kien fil-basket tar-rikorrenti.*

*Illi minħabba li ġew imsarrfa mill-intimat Adrian Muscat, din il-Qorti se ssib li hu huwa responsabbli għar-rifużjoni ta' dawn l-ammonti.*

*Illi fir-rigward tal-intimata Sandra Calleja, din il-Qorti temmen li ma kinitx*

*kredibbli fil-verżjoni li tat u li kontrarjarment għal dak li stqarret kienet involuta fil-kwistjoni kollha. Detto ċio ma nġabet ebda prova li xi flejjes baqgħu fi ħdan din l-intimata li taf però tkun ukoll passibbli kriminalment għal għemilha.*

*Għaldaqstant din il-Qorti tevalwa li l-verżjoni tar-rikorrenti hija aktar kredibbli u verosimili u b'hekk se tilqa' t-talbiet tagħha.»*

16. Il-konvenut Adrian Muscat appella minn din is-sentenza b'rikors tat-30 ta' Ottubru, 2023, u hemmhekk huwa talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tannulla s-sentenza appellata peress li fi kliemu ngħatat fuq is-saħħa ta' provi li kienu ġew sfilzati mill-atti tal-kawża. Sussidjarjament għal dan, l-appellant talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet tal-attriċi Carmen Azzopardi.

17. Bi tweġiba mressqa fis-27 ta' Diċembru, 2023, il-konvenuta Sandra Calleja qalet li s-sentenza appellata għandha tiġi konfermata sa fejn għandha x'taqsam hi, u fil-bqija kienet sejra tħalli f'idejn din il-Qorti.

18. Min-naħa tagħha, bi tweġiba mressqa fl-4 ta' Marzu, 2024, l-attriċi Carmen Azzopardi fissret li l-appell tal-konvenut Adrian Muscat mhuwiex mistħoqq u għalhekk talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tikkonferma s-sentenza appellata għalkollox, bl-ispejjeż kontra l-istess appellant.

19. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra

tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

20. B'dan l-appell, il-konvenut Adrian Muscat qiegħed jattakka s-sentenza appellata fuq is-saħħa ta' żewġ aggravji.

21. Fl-ewwel aggravju, l-appellant qiegħed jargumenta li s-sentenza appellata ma tiswiex, filwaqt li fit-tieni aggravju l-appellant qiegħed jisħaq li f'kull każ is-sentenza appellata għandha tiġi mħassra għaliex l-Ewwel Qorti wasslet għall-konklużjonijiet tagħha fuq apprezzament ħażin tal-provi.

22. Kemm minħabba n-natura tal-aggravji, kif ukoll għaliex it-tieni aggravju qiegħed jitressaq b'mod sussidjarju għall-ewwel wieħed, il-Qorti sejra tkun qiegħda tistħarreġ dawn l-aggravji fl-istess sekwenza li tqajmu fir-rikors tal-appell.

23. Fl-**ewwel aggravju** l-appellant Adrian Muscat qiegħed jargumenta li s-sentenza appellata ma tiswiex għaliex l-Ewwel Qorti sejset il-konklużjonijiet tagħha *«kważi esklussivament»* fuq l-affidavit ta' Elnara Shorazova, li kien ġie sfilzat minn dik l-istess Qorti qabel ma ħalliet il-

kawża għas-sentenza.

24. Skont l-appellant, fuq hekk biss, is-sentenza appellata għandha tiġi mħassra u l-atti tal-kawża għandhom jerġgħu jintbagħtu lill-Ewwel Qorti sabiex terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid, u dan bla ma tieħu qies tal-affidavit ta' Shorazova.

25. Il-Qorti tqis li għalkemm l-appellant qiegħed jgħid sewwa li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqis il-kontenut tal-affidavit ta' Shorazova, għaliex dak l-affidavit ġie tabilħaqq sfilzat b'digriet tat-13 ta' Marzu, 2023 (f'paġna 286 tal-atti tal-kawża), fuq ix-xaqliba l-oħra, din il-Qorti ma tistax però taqbel mal-appellant meta qiegħed jipprova jagħti l-impressjoni li l-Ewwel Qorti wasslet għall-konklużjonijiet tagħha *«kważi esklussivament»* fuq is-saħħa ta' dak l-affidavit.

26. Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut appellant jew qiegħed jesaġera jew inkella qiegħed ikun żleali, għaliex minn ħarsa ħafifa lejn il-konsiderazzjonijiet li tniżżlu fis-sentenza appellata jidher mal-ewwel kif minbarra l-ftit riferenzi li saru lejn l-affidavit ta' Shorazova, l-Ewwel Qorti tat bosta raġunijiet oħra għalfejn hija dehrilha li għandha toqgħod fuq il-verżjoni tal-attriċi milli fuq dik tal-konvenuti.

27. Prinċipalment, l-Ewwel Qorti wasslet għall-konklużjonijiet tagħha,

wara li tajjeb jew ħażin, emmnet lix-xhud Emanuel Galdes, li stqarr kif huwa ra b'għajnejh lill-attriċi Carmen Azzopardi tgħaddi lill-konvenuta Sandra Calleja is-somma ta' tlieta u għoxrin elf ewro fi flus kontanti sabiex tagħtihom lill-konvenut appellant Adrian Muscat.

28. Kien fid-dawl ta' dan, u fid-dawl ta' fatti oħrajn bħal pereżempju li l-vettura Audi A8 ġiet reġistrata kważi sena qabel ma ssarrfu ċ-ċekkijiet inkwistjoni, li l-Ewwel Qorti ma emmnitx li l-konvenut Adrian Muscat kien irċieva ċ-ċekkijiet inkwistjoni mingħand l-attriċi, u dan bħala ħlas għar-reġistrazzjoni tal-vetturi tat-tip Audi A8 u Range Rover.

29. Bil-mod ta' kif irraġunat l-Ewwel Qorti, qajla jitħalla xi dubju li dik il-Qorti kienet sejra tasal għall-istess konklużjonijiet li wasslet għalihom, kemm bl-affidavit ta' Shorazova kif ukoll mingħajru. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma tarax li hemm lok għalfejn għandha tħassar is-sentenza appellata u terġa' tibgħatha quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiddeċidiha mill-ġdid.

30. L-ewwel aggravju tal-konvenut Adrian Muscat qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

31. Naturalment, b'daqshekk ma jfissirx li l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti huma siewja, u dan għad irridu narawh aħna u nistħarrġu l-aggravju

li jmiss.

32. Kif ingħad aktar kmieni, **<u>fit-tieni aggravju</u>** il-konvenut Adrian Muscat qiegħed imbagħad jisħaq li l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti mhumiex tajbin għaliex ġew imsejsa fuq apprezzament ħażin tal-provi.

33. L-appellant jitlaq billi jilmenta li l-Ewwel Qorti bħal donnu sabet il-konvinċiment tagħha fil-fatt li l-irċevuti tar-reġistrazzjoni tal-vetturi Audi A8 u r-Range Rover ma jaqblux mad-dokumenti uffiċjali tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

34. Għalkemm l-appellant jistqarr li dawn l-irċevuti *«inspjegabbilment ma jaqblux»,* fl-istess waqt, huwa jinsisti li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tħalli dik id-diskrepanza tfixkilha, għaliex fi kliemu dan il-fattur kien *«kważi irrilevanti»* għall-mertu tal-kawża.

35. L-appellant jenfasizza li l-ebda dokument ma ġie dikjarat null jew inkella falz u josserva li anke l-uffiċjal tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta saħanistra ma kienx kapaċi jispjega tali diskrepanza.

36. Jilmenta li madankollu, l-Ewwel Qorti xorta waħda però qabdet u kkonkludiet li d-dokumenti CA 11 u CA 12 huma foloz, u jfakkar li dawk id-dokumenti tressqu mill-attriċi appellata u mhux minnu.

37. L-appellant jissokta billi jargumenta li l-Ewwel Qorti bħal donnu wkoll ħarbilha l-fatt, li bix-xhieda tagħha stess, Carmen Azzopardi uriet li hija tabilħaqq kellha tagħtih tlieta u għoxrin elf ewro għar-reġistrazzjoni tal-vetturi.

38. Hawnhekk l-appellant jirreferi għall-verżjoni tal-attriċi Carmen Azzopardi li hija kienet għaddiet is-somma ta' tlieta u għoxrin elf ewro f'kontanti lill-konvenuta Sandra Calleja sabiex tgħaddihomlu. Ifakkar li minkejja l-attriċi appellata ressqet lil ċertu Emanuel Galdes bħala xhud ta' dan, jenfasizza li tali xhud ma setax jikkonferma li huwa ra b'għajnejh lil Calleja ħierġa mill-karozza bl-envelop tal-flus f'idejha. Għall-appellant dan il-fattur jixħet dubju fuq kemm tassew Calleja ħarġet 'il barra mill-karozza bil-flus, għaliex jirraġuna li envelop bi tlieta u għoxrin elf ewro f'kontanti ġewwa fih jagħti fil-għajn.

39. L-appellant imbagħad jinsisti li huwa ma rċieva l-ebda flus kontanti, u jisħaq li l-unika flus li daħħal bħala ħlas u kumpens għall-ispejjeż tar-reġistrazzjoni tal-vetturi kienu ż-żewġ ċekkijiet inkwistjoni fl-ammonti ta' €23,608.22 u €5,000 rispettivament. Jisħaq li dawn iċ-ċekkijiet ingħatawlu mill-attriċi appellata stess u jinsisti li huwa m'għamel xejn ħażin billi ġabar l-ispejjeż li kien ħareġ u tħallas ta' xogħlu.

40. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam iċ-ċekk l-ieħor tal-€10,000, l-appellant Adrian Muscat ifisser li dan ġie f'idejh sabiex jirreġistra vettura oħra. Jgħid li hekk kif il-kaxxiera tal-bank kienet qaltlu li dak iċ-ċekk ma setax jissarraf għaliex ma kienx mimli sewwa, huwa radd lura dak iċ-ċekk lill-attriċi u l-vettura ma ġietx reġistrata.

41. F'dan l-isfond, l-appellant jirraġuna li kieku huwa tassew kien qiegħed jagħmel xi ħaġa ħażina jew illegali, huwa ma kienx sejjer imur il-bank b'wiċċu minn quddiem sabiex isarraf dawk iċ-ċekkijiet. Jargumenta wkoll li lanqas ma jagħmel sens li huwa kien sejjer irodd lura ċ-ċekk lill-attriċi appellata mingħajr l-ebda problema, li kieku dak iċ-ċekk kien tassew misruq.

42. L-appellant jissokta billi jenfasizza, li fl-aħħar mill-aħħar, anke l-ispettur investigattiv ma kien sab l-ebda raġuni għalxiex kellu jixlih b'xi reat kriminali, u dan minkejja li l-attriċi ressqet kwerela formali kontrih u kien hemm investigazzjoni kriminali.

43. Jilmenta li l-Ewwel Qorti la qieset dan u wisq inqas li kien hemm għadd ta' inkonsistenzi serji dwar kif l-attriċi appellata ġabet ruħha qabel il-kawża u waqt il-kawża.

44. Hawnhekk l-appellant jerġa' jtenni ħafna mill-istess argumenti li

ressaq fin-nota ta' sottomissjonijiet, u fost affarijiet oħra jagħti l-eżempju li s-somma mitluba mill-attriċi ma kinitx dejjem l-istess, u oriġinarjament hija ilmentat miegħu u mal-pulizija dwar iċ-ċekk ta' €23,604.22 biss. Jgħid li l-attriċi qatt ma semmiet il-flus kontanti, u li kien xi ħames xhur wara li hija mbagħad bagħtitlu ittra legali fejn talbitu wkoll il-valur taċ-ċekk ta' €5,000 li huwa kien sarraf kważi sena qabel.

45. Ifakkar ukoll kif għall-bidu, l-attriċi kienet ilmentat mal-pulizija li ċ-ċekk tat-€23,604.22 kien insteraq minnu minn ġewwa l-basket tagħha, waqt li hija kienet qiegħda ġewwa l-istabbiliment tiegħu. Josserva li waqt din il-kawża, l-attriċi mbagħad dawwret il-verżjoni tagħha u bdiet tgħid li dak iċ-ċekk itteħdilha mill-konvenuta Sandra Calleja mill-basket li kienet ħalliet ġewwa l-karozza.

46. Għall-appellant, din il-bidla fil-verżjoni tal-attriċi appellata turi kif hija mhijiex qiegħda tgħid is-sewwa u dan għar-raġuni li min huwa fidil mal-verità ma jaqbadx ibiddel il-verżjoni tiegħu kif ikun jaqbillu u skont il-mistoqsijiet li jkunu qegħdin isirulu.

47. Ifakkar ukoll li meta l-uffiċjal investigattiv qabbad lil espert fil-kaligrafija sabiex jagħmel eżami kaligrafiku, l-attriċi appellata qaltlu li ma kinitx taf tikteb.

48. Fattur ieħor li skont il-konvenut appellant ikompli jxellef il-kredibbiltà tal-attriċi huwa mbagħad li l-attriċi damet kważi xahrejn sħaħ biex indunat li ċ-ċekk ta' €23,604.22 ma kienx għadu fil-basket. Josserva li anke l-ispettur li kien qiegħed jinvestiga dan il-każ, kien ukoll imħasseb b'dan id-dewmien.

49. Sfiq ma' dan, l-appellant jgħid li l-attriċi appellata lanqas ma tat spjegazzjoni li titwemmen għalfejn hija damet xhur sħaħ biex indunat li kien naqsilha ċ-ċekk ta' €5,000 u dan meta hija kienet diġà ressqet rapport mal-Kummissarju tal-Pulizija dwar iċ-ċekk ta' €23,604.22 fl-20 ta' Novembru 2012, u mbagħad qabbdet lill-avukat tagħha biex jiktiblu f'Marzu tas-sena 2013.

50. L-appellant jissokta billi jargumenta li b'differenza għall-attriċi appellata, il-verżjoni tiegħu taqbel max-xhieda tal-konvenuta l-oħra Sandra Calleja, li bħalu dejjem qalet li ċ-ċekkijiet ingħatawlu mill-attriċi Carmen Azzopardi stess u dan għar-reġistrazzjoni tal-vetturi Audi A8 u r-Range Rover. Jgħid ukoll li l-verżjoni tiegħu hija wkoll imsaħħa mid-dokumentazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-vetturi uffiċjali li ġew imressqa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u jtenni li l-fatt waħdu li hemm diskrepanza bejn id-dokumenti uffiċjali ma kellux jiżvija lill-Ewwel Qorti għaliex mhuwiex il-mertu ta' din il-kawża.

51. Fid-dawl ta’ dan kollu, l-appellant jenfasizza li l-verżjoni tal-attriċi Carmen Azzopardi ma hija xejn għajr storja vvintata minnha għal għanijiet oħra li ma jirriżultawx mill-atti tal-kawża. Jikkummenta li *«wieħed jista’ jispekula»* li l-investigazzjoni li wettaq l-uffiċjal investigattiv kienet aktar fil-fond mill-provi li tressqu fl-atti ta’ din il-kawża, għaliex b’differenza mill-Ewwel Qorti li setgħet toqgħod biss fuq dak li hemm fl-atti, l-ispettur investigattiv seta’ jfittex kull fejn ried.

52. Jagħlaq billi jilmenta li minkejja dan kollu, l-Ewwel Qorti xorta waħda għażlet li toqgħod fuq il-verżjoni tal-attriċi Carmen Azzopardi, u dan minkejja li kollox juri li kienet hi u mhux Sandra Calleja li kienet tieħu ħsieb il-vetturi li ġew reġistrati.

53. Il-Qorti wara li qieset l-argumenti tal-appellant fid-dawl ta’ dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża jidhrilha li dan l-aggravju lanqas mhuwa mistħoqq u dan għal bosta raġunijiet.

54. Jibda billi jingħad li l-appellant ma jista’ jsib l-ebda wens fil-fatt li l-uffiċjal investigattiv li kien qiegħed jaħdem fuq il-kwerela tal-attriċi Carmen Azzopardi deherlu li ma kienx hemm raġunijiet biżżejjed sabiex iniedi proċeduri kriminali kontra l-konvenuti jew xi ħadd minnhom.

55. Is-suċċess tal-azzjoni ċivili ma tiddependix mit-tnedija ta’ proċeduri

kriminali u wisq inqas mis-sejbien ta' ħtija f'dawk il-proċeduri. Dan jibqa' jgħodd indipendentement mill-fatt li l-istess għemil jista' jagħti lok kemm għall-proċeduri ċivili kif ukoll għall-proċeduri kriminali (ara l-**Artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali**).

56. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, il-grad ta' prova mitlub fil-qasam ċivili huwa dak li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant u dan sal-grad tal-bilanċ ta' probabbiltajiet (ara ***Emanuel Cordina v. Paul Vella*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024).

57. Dak li jħoll u jorbot kollox mhuwiex għalhekk jekk il-ġudikant jemminx b'mod assolut l-ispjegazzjonijiet mogħtija lilu, imma jekk huwa jqisx dawk l-istess spjegazzjonijiet bħala verosimili fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja ta' kuljum (ara ***Joseph Zammit v. Joseph Bonello*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015 u ***Cini (Tal-Mija) Ltd v. Dr. Joseph Ellis LL.D.*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-16 ta' Mejju, 2008).

58. Dan kollu jfisser, li jekk fl-eżerċizzju tal-għarbiel tal-provi l-ġudikant iħoss u jemmen li l-każ ikun aktarx ġara kif tkun qiegħda tgħid il-parti attriċi, mela allura dan għandu jkun biżżejjed sabiex jiddeċiedi favur dik il-parti. Din il-verżjoni ma tistax però tkun xi waħda mistħajla jew inkella sempliċement possibbli. Kemm hu hekk, ingħad li d-domanda li għandu

jagħmel il-ġudikant waqt l-eżerċizzju tal-għarbiel tal-provi m'għandhiex tkun *«jista' jkun li ġara hekk?»* iżda *«x'aktarx u probabbilment hekk ġara?»* (ara f'dan is-sens ***Raymond Falzon v. Alfred Agius deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Frar, 1991***).

59. Tajjeb jingħad li fil-każ tal-lum, l-uffiċjal li kien qiegħed jinvestiga l-kwerela tal-attriċi mhux biss għamilha ċara li l-investigazzjoni kienet għadha ma ngħalqitx, iżda wkoll fisser li huwa ma kienx ħa passi kriminali kontra l-konvenuti għaliex kien sab ma' wiċċu żewġ verżjonijiet li kienu għalkollox kontra xulxin. Kemm hu hekk, l-Ispettur li kien responsabbli mill-investigazzjoni stqarr li: *«[l]-issue hija lil min ser taqbad temmen kienet»* (ara x-xhieda ta' Jonathan Ferris, f'paġna 246 tal-atti tal-kawża).

60. Kif inhu magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, fil-kawżi ċivili, il-verżjonijiet kunfliġġenti m'għandhomx però jwasslu awtomatikament għat-tħaddim tal-prinċipju ta' *actore non probante reus absolvitur* jew inkella dak ta' *in dubio pro reo* (ara ***Stephen Tanti et v. Louis Scerri Montaldo et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Ottubru, 2020).

61. Mod ieħor, huwa miżmum li huwa sewwasew xogħol il-Qorti li tqis liema waħda fost il-verżjonijiet mogħtija lilha tkun l-aktar waħda li titwemmen u tista' toqgħod fuqha (ara ***Antoine Xerri et v. Bartolomeo sive Robbie Debono et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' April, 2024).

62. Huwa għalhekk aċċettat li fl-eżerċizzju tal-għarbiel tal-provi, il-ġudikant għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex, mill-provi miġbura waqt is-smigħ tal-kawża, iqis liema minn dawk l-provi jkunu l-aktar kredibbli u xierqa sabiex jasal għall-konvinċiment ħieles tiegħu (ara ***Joginder Singh Dhingsa v. Anthony Grech et*** deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023). Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa l-ġudikant jista' jaċċetta x-xhieda ta' xi wħud u jwarrab oħrajn, jew fi kliem ieħor isejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċertu provi, aktar milli fuq oħrajn. (ara ***F (Advertising) Limited v. Joseph Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024).

63. Wieħed għandu wkoll jifhem li l-apprezzament tal-provi mhuwiex xi eżerċizzju matematiku fis-sens li l-Qorti għandha bilfors taċċetta verżjoni jew oħra, skont in-numru ta' xhieda li jsostnu ċertu verżjoni. Ix-xhieda ta' xhud wieħed, jekk emmnuta, tista' tkun biżżejjed sabiex il-Qorti tasal għall-konklużjoni tagħha. Kemm hu hekk, ilu minn żmien twil jingħad li *«testes ponderantur non numerantur»*, li bil-Malti jfisser li x-xhieda għandhom jitwieżnu u mhux jingħaddu (ara ***Gaetano Micallef v. Martha Micallef*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar, 2019 u ***Anthony Pace v. Frances sive Franca Camilleri et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2017).

64. F'dan il-qafas, il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li x-xhieda tal-

konvenut appellant tassew taqbel ma' dik tal-konvenuta l-oħra Sandra Calleja, dan il-fatt waħdu però ma jagħmilx il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti awtomatikament irraġonevoli. Naturalment, dan sakemm dik il-Qorti kellha raġunijiet tajbin biżżejjed għalfejn emmnet il-verżjoni tal-attriċi fuq dik tal-konvenuti.

65. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, hemm raġunijiet biżżejjed għalfejn l-Ewwel Qorti setgħet toqgħod fuq il-verżjoni tal-attriċi minflok fuq dik tal-konvenuti.

66. Tassew, bil-maqlub għal dak li qiegħed jipprova jargumenta l-konvenut appellant, hija proprju l-verżjoni tiegħu kif ukoll dik tal-konvenuta l-oħra Sandra Calleja li huma mimlija b'tant ineżattezzi u inkonsistenzi li jġibu fix-xejn il-kredibbiltà tagħhom bħala xhieda.

67. Pereżempju, u dan sa fejn għandha x'taqsam max-xhieda tal-konvenut appellant stess, din il-Qorti rat li matul il-kawża, huwa minn tal-inqas ipprovda tliet spjegazzjonijiet differenti sabiex jipprova jiġġustifika għalfejn iċ-ċekkijiet inħarġu fuqu u ma nħarġux direttament fuq id-Direttorat tal-Liċenzji fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

68. L-ewwel ġustifikazzjoni kienet li ċ-ċekkijiet inħarġu f'ismu għaliex huwa kien diġà ħallas it-taxxa tar-reġistrazzjoni minn butu (ara x-xhieda

ta' Adrian Muscat, f'paġna 128H tal-atti tal-kawża). Ftit wara, u saħansitra fl-istess seduta, l-appellant żied jgħid li f'dawk iż-żminijiet, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ma kinitx taċċetta ċekkijiet (erġa' ara x-xhieda ta' Adrian Muscat f'paġna 128H tal-atti tal-kawża). Fis-seduta ta' wara, jiġifieri f'dik tal-20 ta' Ġunju, 2016, l-appellant Adrian Muscat imbagħad qal li ma kienx ħallas b'ċekk *«għaliex jekk tagħmel ċekk direttament lill-ADT u jkun hemm one euro differenza, ma jgħaddix.»* (silta meħuda mix-xhieda ta' Adrian Muscat f'paġna 142 tal-atti tal-kawża)

69. Minbarra li dawn il-verżjonijiet huma sa ċertu punt kontradittorji bejniethom stess, għaliex jekk huwa minnu li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ma kinitx taċċetta ċekkijiet, mela allura l-pagament biċ-ċekk xorta waħda ma kienx sejjer jgħaddi, u dan irrispettivament minn jekk dak iċ-ċekk kienx sejjer ikun fih l-ammont preċiż mitlub mill-Awtorità jew inkella xi ewro inqas, f'kull każ, din il-Qorti osservat li fl-irċevuti tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta hemm twissija b'tipa grassa li taqra kif ġej: *«This receipt is not valid if cheque is dishonoured»* (ara Dok SC3 u SC4, f'paġni 197 u 198 tal-atti tal-kawża).

70. Fis-sewwa, li kieku huwa minnu li *«l-ADT ma jieħdux ċekkijiet ta' nies, ta' ħadd»* (silta mix-xhieda ta' Adrian Muscat, f'paġna 128H tal-atti tal-kawża), it-twissija li għadha kif isir riferenza għaliha ma kienx ikun hemm lokha fuq l-irċevuta uffiċjali tal-Awtorità. Ma huwa għalhekk xejn

verosimili li l-appellant ma ħallasx b'ċekk għaliex l-Awtorità ma kinitx taċċetta ċ-ċekkijiet.

71. Sfiq ma' dan il-Qorti tosserva li fix-xhieda tiegħu, l-appellant ma kien konsistenti xejn dwar jekk huwa kienx irċieva ċ-ċekkijiet inkwistjoni qabel ma' mar jirreġistra l-vetturi ta' Shorazova jew inkella wara.

72. Tassew, filwaqt li għall-bidu tax-xhieda tiegħu l-konvenut Adrian Muscat beda jagħti l-impressjoni li huwa kien sarraf iċ-ċekkijiet qabel ma rreġistra l-vetturi ta' Shorazova (ara x-xhieda tal-konvenut Adrian Muscat, f'paġni 128E u 128F tal-atti tal-kawża), ftit aktar tard, u saħansitra fl-istess seduta, l-appellant dawwar il-verżjoni u fisser li huwa kien ħallas ir-reġistrazzjoni tal-karozzi minn butu u mbagħad l-attriċi Carmen Azzopardi kienet tagħtu ċ-ċekkijiet wara (erġa' ara x-xhieda tal-konvenut Muscat, però din id-darba f'paġna 128H tal-atti tal-kawża).

73. Fil-fehma tal-Qorti l-ebda waħda minn dawn il-verżjonijiet ma hija verosimili.

74. Ibda biex, ma jistax ikun li l-appellant sarraf iċ-ċekkijiet qabel ma' rreġistra l-vetturi. Dan għaliex, il-vettura tat-tip Audi A8 ġiet reġistrata kważi sena qabel ma nħareġ iċ-ċekk tal-€5,000, filwaqt li l-vettura tat-tip Range Rover ġiet reġistrata fit-23 ta' Awwissu, 2012 u għalhekk ukoll

qabel ma nħareġ iċ-ċekk ta' €23,604.22 fil-5 ta' Settembru, 2012.

75. Mill-banda l-oħra, huwa wkoll bil-wisq inverosimili li l-konvenut appellant ħareġ il-flus tat-taxxa tar-reġistrazzjoni minn butu, u dan qabel ma kien ġabar dawk l-ispejjeż.

76. Il-Qorti qiegħda tgħid hekk għaliex, fl-ewwel lok, hawnhekk mhux qegħdin nitkellmu fuq somom żgħar ta' flus, iżda fuq eluf ta' ewro, u sewwasew fuq is-somma ta' €7,505.18 għall-vettura Audi A8, u s-somma ta' €11,904.84 għall-vettura Range Rover (ara l-irċevuti uffiċjali tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Dok SC3 u SC4, f'paġni 197 u 198 tal-atti tal-kawża). Flimkien bejniethom dawn l-ammonti jitilgħu għal €19,410.02 u għalhekk din il-Qorti ssibha diffiċli biex temmen li f'negozju ta' din ix-xorta, il-konvenut Muscat kien sejjer ikun lest li jħallas dawk l-ammonti ta' flus, f'isem ħaddieħor, mingħajr ma jkun ġabar dawk l-istess ammonti minn qabel.

77. Aktar minn hekk, il-Qorti ssibha wkoll bil-wisq diffiċli li temmen li l-appellant kien sejjer joħroġ dawk il-kwantitajiet ta' flus minn butu, ġaladarba skontu, l-attriċi Carmen Azzopardi kienet preżenti miegħu fl-uffiċini tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta meta ġie biex jirreġistra dawk l-istess vetturi.

78. Fis-sewwa, x'sens jagħmel li l-appellant joħroġ l-ispejjeż tat-taxxa tar-reġistrazzjoni minn butu, meta skontu, l-attriċi kienet miegħu u għalhekk setgħet faċilment tħallas it-taxxa tar-reġistrazzjoni hija stess?

79. Fattur ieħor li jkompli jikkonvinċi lil din il-Qorti kemm l-Ewwel Qorti kellha raġun tqis li l-appellant mhuwiex xi wieħed li setgħet tant toqgħod fuq kelmtu huwa li, għalkemm huwa beda jallega li kien fadallu jiġbor fuq elf ewro bħala ħlas tal-liċenzja tal-vettura Range Rover (ara l-ittra legali tas-7 ta' Marzu 2013, f'paġna 14 tal-atti tal-kawża, kif ukoll ix-xhieda tal-appellant Adrian Muscat f'paġni 147 u 149 tal-atti tal-kawża), mix-xhieda tal-uffiċjal tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta rriżulta li l-ammont li tħallas għal-liċenzja ta' dik il-vettura ma kienx fuq elf ewro bħalma qal Muscat iżda ta' €688 (ara x-xhieda ta' Stephen Cachia f'paġna 167 tal-atti tal-kawża).

80. Inkonsistenzi oħrajn li jkomplu joħorġu mix-xhieda tal-konvenut appellant huma mbagħad b'rabta mal-irċevuti li nħarġu mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta dwar il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vetturi Audi A8 u r-Range Rover.

81. Dwar dan il-Qorti osservat, li għall-bidu, il-konvenut Adrian Muscat stqarr li huwa kien żamm kopja tad-dokumentazzjoni b'rabta mar-reġistrazzjoni tal-vetturi, però huwa kien għadda dawk il-kopji lill-Ispettur

Ferris (ara x-xhieda tal-appellant f'paġna 128D tal-atti tal-kawża).

82. Meta l-appellant ġie però mħabbat b'waħda mill-irċevuti, dan dawwar minnufih il-verżjoni u mhux biss wieġeb li huwa ma kienx jaf x'kien fih dak id-dokument għaliex allegatament qatt ma rah, iżda wkoll qal li d-dokumenti għaddew għand l-attriċi u mhux għandu (erġa' ara x-xhieda tal-appellant Adrian Muscat, però din id-darba f'paġna 128J tal-atti tal-kawża).

83. Filwaqt li kutrumbajsi bħal dawn ma jixħtu l-ebda dawl sabiħ fuq l-appellant, ta' min jgħid li din il-verżjoni tal-aħħar hija wkoll imwaqqa' bix-xhieda tal-Ispettur Ferris, li għamilha ċara li Muscat kellu kopji tal-irċevuti u saħansitra qal li: *«l-irċevuta li <u>għandu</u> s-Sur Adrian Muscat ma jaqblux u hemmhekk għaliex l-investigazzjoni għadha għaddejja»* (ara x-xhieda ta' Jonathan Ferris, f'paġna 87 tal-atti tal-kawża).

84. Daqskemm ix-xhieda tal-konvenut appellant mhijiex konsistenti u kredibbli, daqshekk ieħor li l-verżjoni tal-konvenuta l-oħra Sandra Calleja mhijiex ta' min jorbot fuqha.

85. Il-Qorti qiegħda tgħid hekk għal għadd ta' raġunijiet.

86. Fl-ewwel lok, għalkemm li fl-affidavit tagħha Calleja ppruvat tagħti

l-impressjoni li hija ltaqgħet għall-ewwel darba mal-konvenut Adrian Muscat fis-sajf tas-sena 2012, u dan wara li l-attriċi allegatament ħaditha magħha ġewwa l-istabbiliment tan-negozju tiegħu f'Ħaż-Żebbuġ (ara l-affidavit ta' Sandra Calleja f'paġna 102 tal-atti tal-kawża), min-naħa l-oħra, waqt li kienet qiegħda tixhed fil-kontroeżami hija stqarret li kienet iltaqgħet ma' Muscat fis-sajf tas-sena 2011, u sewwasew f'dak l-istess żmien li kien għadha taħdem għal Shorazova (ara l-kontroeżami ta' Sandra Calleja, f'paġna 122G tal-atti tal-kawża).

87. Kemm mix-xhieda tal-attriċi Carmen Azzopardi, kif ukoll minn dik tal-konvenut appellant Adrian Muscat, ħareġ imbagħad li bil-maqlub ta' dak li qalet il-konvenuta Sandra Calleja, kienet fil-fatt din tal-aħħar li laqqgħet lil Azzopardi ma' Muscat. Kemm hu hekk, għall-mistoqsija dwar fejn kien jaf lil Carmen Azzopardi, il-konvenut Adrian Muscat wieġeb bla tlaqliq li: *«lil Carmen Azzopardi laqqatni magħha s-Sinjura Sandra, ma kontx nafha.»* (silta meħuda mix-xhieda ta' Adrian Muscat f'paġna 128A tal-atti tal-kawża). Barra minn hekk, Muscat ta' wkoll x'jinftiehem li huwa kien iltaqa' ma' Azzopardi flimkien mal-konvenuta l-oħra Sandra Calleja, f'ħanut tal-kafè f'Ħ'Attard, u mhux bil-mod ta' kif fissret Sandra Calleja (erġa' ara x-xhieda ta' Adrian Muscat f'paġna 128C tal-atti tal-kawża).

88. Fit-tieni lok, il-Qorti ssibha wisq diffiċli biex temmen li Sandra Calleja ma kellha x'taqsam xejn mar-reġistrazzjoni tal-vetturi ta'

Shorazova. Dan qiegħed jingħad kemm għaliex fi żmien li fih ġiet reġistrata l-vettura tat-tip Audi A8, Calleja kienet żgur għadha taħdem ma' Shorazova, u xogħolha kien proprju jinvolvi qadi ta' din ix-xorta (ara l-ewwel paragrafu fl-affidavit ta' Sandra Calleja f'paġna 102 tal-atti tal-kawża), kif ukoll anke għaliex ix-xhud Emanuel Galdes, li huwa uffiċjal tad-dwana, stqarr li fit-22 ta' Awwissu tas-sena 2012 huwa kien ra b'għajnejh lill-attriċi Carmen Azzopardi tgħaddi f'idejn Calleja s-somma ta' tlieta u għoxrin elf fi flus kontanti u dan f'kuntest ta' diskors dwar ir-reġistrazzjoni ta' vetturi (ara x-xhieda ta' Emanuel Galdes, f'paġna 57 tal-atti tal-kawża).

89. Għalkemm huwa kollu minnu li l-konvenuta Sandra Calleja ċaħdet bil-qawwa kollha li hija rċeviet xi flus kontanti mingħand l-attriċi Carmen Azzopardi, din il-Qorti ma tarax kif tista' temmen lil Calleja meta l-verżjoni ta' Azzopardi hija msaħħa minn xhud indipendenti bħal Emanuel Galdes, kif ukoll korroborata minn dokument li juri kif fil-jum tat-22 ta' Awwissu 2012, jiġifieri fl-istess jum li rrefera għalih Galdes, l-attriċi kienet tabilħaqq ġibdet l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf ewro fi flus kontanti mill-fergħa tal-bank tal-HSBC f'San Pawl il-Baħar (ara Dok CA7 f'paġna 47 tal-atti tal-kawża).

90. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, f'din il-kawża, Galdes huwa xhud terz li suppost m'għandu l-ebda interess dwar kif sejra tinqata' din il-

kawża, u għalhekk il-verżjoni tiegħu ma tistax ma tingħatax ċertu piż.

91. Ma jistax ukoll ma jiġix osservat, kif għalkemm fl-affidavit, Sandra Calleja ċaħdet kategorikament li fil-jum tat-22 ta' Awwissu, 2012, hija kienet iltaqgħet mal-attriċi, u dan bl-iskuża li dakinhar hija kellha l-ħaddiema tal-Enemalta d-dar (ara l-affidavit ta' Sandra Calleja f'paġna 103 tal-atti tal-kawża), madankollu fil-kontroeżami hija qagħdet ħafna iktar attenta u kienet evażiva fit-tweġibiet tagħha. Tant hu hekk, li għall-mistoqsija diretta dwar jekk fit-22 ta' Awwissu 2012 hija kinitx fil-fatt rikbet fil-karozza ta' Carmen Azzopardi ħdejn il-bank HSBC ġewwa San Pawl il-Baħar u dan fil-preżenza ta' xi uffiċjal, hija wieġbet: *«Le ma naħsibx dakinhar»* u ftit aktar tard hija sempliċement qalet li *«ma niftakarx»* (ara l-kontroeżami ta' Sandra Calleja f'paġna 122F tal-atti tal-kawża).

92. L-iktar fattur b'saħħtu li jkompli jxaqleb il-miżien favur il-verżjoni tal-attriċi, *viz.* li fil-jum tat-22 ta' Awwissu 2012, hija kienet tabilħaqq għaddiet is-somma ta' tlieta u għoxrin elf ewro f'kontanti lill-konvenuta Sandra Calleja, u li dawn il-flus kienu eventwalment spiċċaw f'idejn il-konvenut appellant Adrian Muscat, huwa mbagħad il-fatt li proprju li l-għada, jiġifieri fit-23 ta' Awwissu, 2012, il-konvenut appellant Adrian Muscat mar iħallas it-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vettura Range Rover (ara l-irċevuta uffiċjali tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Dok SC3 f'paġna 197 tal-atti tal-kawża).

93. Fil-fehma tal-Qorti, din mhijiex xi sempliċi kumbinazzjoni, u meta tqis dan il-fattur oġġettiv flimkien max-xhieda tal-attriċi, max-xhieda ta' Emanuel Galdes u mad-dokumenti li juru kif l-attriċi tassew ġibdet is-somma ta' tlieta u għoxrin elf f'kontanti mill-fergħa tal-Bank HSBC f'San Pawl il-Baħar fil-jum tat-22 ta' Awwissu, 2012, din il-Qorti ma tarax kif tista' tlum lill-Ewwel Qorti fil-konklużjoni li waslet għaliha illi l-konvenut Adrian Muscat kien tabilħaqq irċieva s-somma ta' tlieta u għoxrin elf ewro f'kontanti.

94. Naturalment, il-mistoqsija li tqum hawnhekk hija: ġaladarba huwa verosimili li l-konvenut appellant irċieva s-somma ta' tlieta u għoxrin elf ewro fi flus kontanti għar-reġistrazzjoni tal-vetturi ta' Shorazova, mela allura kif u b'liema mod iċ-ċekkijiet inkwistjoni, li flimkien bejniethom jitilgħu għal €28,604.22, setgħu ngħataw lill-konvenut bħala ħlas għar-reġistrazzjoni ta' dawk il-vetturi?

95. Huwa proprju hawnhekk, li l-kwistjoni dwar id-diskrepanzi fl-irċevuti dwar it-taxxa tar-reġistrazzjoni li attwalment tħallset, issir rilevanti għal mertu ta' din il-kawża.

96. Fis-sewwa, ġaladarba l-konvenut appellant ressaq eċċezzjoni fis-sens li ċ-ċekkijiet ta' €23,604.22, kif ukoll dak ta' €5,000 ingħatawlu

b'rabta mar-reġistrazzjoni tal-vetturi Audi A8 u r-Range Rover, l-Ewwel Qorti kellha bilfors tara fuq liema rċevuti kellha toqgħod, għaliex huwa biss wara li tqis x'kien fil-fatt tħallas lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, li mbagħad setgħet tasal għall-konklużjoni dwar jekk il-figuri jagħmlux sens speċjalment, fid-dawl tal-fatt li Muscat kien ukoll irċieva tlieta u għoxrin elf ewro fi flus kontanti.

97. Il-kwistjoni dwar l-irċevuti li ma jaqblux mhijiex għalhekk irrilevanti għall-mertu tal-kawża bħalma qiegħed jgħid ħażin l-appellant. Mod ieħor, la fl-atti hemm żewġ verżjonijiet tal-istess irċevuti li ma jaqblux, l-Ewwel Qorti kellha bilfors tagħti r-raġunijiet tagħha għalfejn hija kienet sejra toqgħod fuq verżjoni minnhom u twarrab verżjoni oħra (ara f'dan is-sens ***Nazzareno Fenech v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-10 ta' Mejju, 2006).

98. Fil-fehma tal-Qorti, l-Ewwel Qorti għamlet sewwa li qagħdet fuq l-irċevuti u fuq id-dokumenti uffiċjali li tressqu mix-xhud tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Dan mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti kellha ċ-ċans li tara b'għajnejha l-verżjoni oriġinali ġewwa l-fajl tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta (ara l-kumment tal-Ewwel Qorti f'paġna 203 tal-atti tal-kawża), iżda wkoll għaliex fl-aħħar mill-aħħar anke l-konvenut stess ta' x'jinftiehem li huwa kien qiegħed jistrieħ fuq dawk l-istess dokumenti li ġew imressqa mill-uffiċjal tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta (ara

paragrafu 17 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut appellant f'paġna 263 tal-atti tal-kawża).

99. Mid-dokumenti uffiċjali li tressqu mix-xhud tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta jirriżulta li b'kollox, jiġifieri bħala spejjeż tat-taxxa tar-reġistrazzjoni, flimkien ma' spejjeż anċillari bħal dawk b'rabta mal-*«liċenzja, pjanċi kif ukoll xi administration fees dovuti»,* tħallset is-somma ta' €8,328.18 għall-Audi A8, u s-somma ta' €12,727.84 għall-vettura Range Rover (ara f'dan il-kuntest ix-xhieda ta' Stephen Cachia f'paġni 166 u 167 tal-atti tal-kawża, kif ukoll id-Dokumenti SC3 sa SC6 minn paġna 197 sa 202 tal-atti tal-kawża).

100. Meta wieħed iqis li l-konvenut appellant xehed li huwa kien fadallu l-qligħ ta' madwar €1,800 fuq ir-reġistrazzjoni tal-Audi A8, u s-somma ta' xi €2,500 fuq il-vettura Range Rover (ara x-xhieda ta' Adrian Muscat f'paġna 128E tal-atti tal-kawża) jirriżulta li bejn wieħed u ieħor il-ħlas li kellu jieħu Muscat għar-reġistrazzjoni taż-żewġ vetturi kien ta' ftit aktar minn ħamsa u għoxrin elf ewro (€8,328.18 + €12,727.84 + €1,800 + €2,500 = €25,356.02).

101. Wieħed però ma jistax jinsa li l-vettura Audi A8 ġiet reġistrata f'Lulju tas-sena 2011 (ara Dok SC4 f'paġna 198 tal-atti tal-kawża) u sewwasew aktar minn sena qabel il-vettura Range Rover (ara Dok SC3 f'paġna 197

tal-atti tal-kawża). Għaldaqstant, jekk huwa veru li Muscat kien fadallu xi ammont pendenti x'jieħu fuq l-Audi, dan ifisser li fis-Sajf tas-sena 2012, Muscat kellu jieħu b'kollox inqas minn ħamsa u għoxrin elf ewro.

102. Jekk imbagħad wieħed iqis li aktar kmieni din il-Qorti għadha kif ikkonkludiet li huwa verosimili li l-konvenut appellant irċieva wkoll is-somma ta' tlieta u għoxrin elf ewro f'kontanti, u jżid din is-somma bil-valur taċ-ċekkijiet inkwistjoni (li mhuwiex ikkontestat li ssarrfu mill-konvenut Adrian Muscat), jiġi li b'kollox Muscat daħħal is-somma ta' <u>€51,604.22</u> (€23,000 + €23,604.22 + €5000 = €51,604.22).

103. Bla dubju ta' xejn din is-somma tal-aħħar ma tagħmel l-ebda sens meta wieħed iqisha fil-kuntest tal-ispiża tar-reġistrazzjoni li għadha kif saret riferenza għaliha. F'kuntest ta' din ix-xorta, din il-Qorti ma tistax għalhekk issib li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija b'xi mod jew ieħor irraġonevoli.

104. Għaldaqstant, anke t-tieni aggravju ma jista' jkun tal-ebda fejda għall-konvenut appellant, u fid-dawl ta' dan, l-appell ta' Adrian Muscat sejjer għalhekk ikun qiegħed jiġi miċħud għalkollox.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>**

l-appell tal-konvenut Adrian Muscat, u għalhekk qiegħda tikkonferma s-sentenza appellata għalkollox.

L-ispejjeż b'rabta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu kollha mill-konvenut Adrian Muscat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da